# San Gejtanu fil-Parroċċa Marija Annunzjata ta' Ħal - Balzan



Fil-ħarġa tal-programm ta' din is-sena, xtaqt li nġib kwadru li jinsab fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali Marija Annunzjata ta' Ħal Balzan. Dan skoprejtu b'kumbinazzjoni f'waħda mill-ftit drabi li mort nisma' l-quddies f'din il-knisja.

Darba minnhom, meta kont qed nara l-kwadri tas-sagristija, għajni marret fuq kwadru li deher li hu ta' San Gejtanu peress li qiegħed fl-għoli. Għall-ewwel ma kontx ċert għaliex dak il-ħin irraġunajt li m'hemmx konnessjoni bejn il-Qaddis tagħna u l-parroċċa ta' l-Annunzjata. Staqsejt lill-Kappillan li kkonfermali li hu ta' San Gejtanu, iżda ma setax itini aktar informazzjoni għax qalli li mhux minn hemm. Fost persuni li rrikorrejt għandhom, kien is-Sur Valent Chetcuti li ilu għal aktar minn 60 sena sagristan ta' din il-knisja. Fil-fatt, is-Sur Valent ħadem ukoll ħafna skultura fil-ġebel għal din il-knisja. Dan iżda qalli li l-kwadru ta' San Gejtanu dejjem jiftakru fis-sagristija fl-istess post fejn narawh illum.

**Il-Kwadru**

Dan il-kwadru huwa pittura fuq it-tila u huwa ta' daqs ta' bejn wieħed u ieħor ta' metru tul u nofs metru wisgħa. Il-Kwadru jidher antik għax impitter fuq l-oskur u għandu xi ħsarat żgħar. F'dan il-kwadru, San Gejtanu narawh qed jerfa' l-Bambin b'idejh it-tnejn. Fuq ix-xellug, isfel, insibu l-famuż ktieb u fin-nofs il-ġilju li dejjem jidhru fl-arma tal-Qaddis. Madwar għonq San Gejtanu nerġgħu naraw il-*Collar of the Order of the Golden Fleece* bħalma jidher liebes ukoll fil-kwadru tal-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina. Dan l-Ordni ilu jeżisti sa mill-1430. Waħda mill-għanijiet tiegħu kienet li tiddefendi r-Reliġjon biex tkun membru fiha. Dan l-unur kien jingħata lill-Kavallieri, Nobbli u Monarkiċi.

Prop. Freddie Cacciattolo
HAMRUN KIOSK
Tel: 21248989

L-ispejjeż ta' din il-faċċata qed ikunu sponsorjati minn
**Ħamrun Kiosk**
Pjazza San Pawl
Ħamrun

# Mis-Sur John Micallef

Min jaf kif spiċċa hemmhekk u kemm ilu dan il-kwadru? Forsi ngħata b'xi wegħda jew b'xi donazzjoni lil din il-knisja? Fl-antik kienu jemmnu li meta tinqala' xi grazzja, min kien jista' jonfoq, bħala ringrazzjament, kien jirregala pittura fuq it-tila lill-knisja jew bix-xbieha tal-Qaddis/a, jew inkella bi kwadru li kien juri ħafif ir-rakkont ta' kif kienet inqalgħet – bħal ma ngħidu aħna stampa ta' xi xini jew xi qoxra tas-sajd qed tegħreq u nies qed isalvaw mill-għarqa, jew inkella xi rebħa ta' battalja marittima fuq il-Misilmin eċċ....Eżempji fost oħrajn ta' dawn, naraw fis-Santwarju tal-Mellieħa, fil-mużew tal-parroċċa ta' Ħaż Żabbar, kif ukoll fil-Knisja tal-Madonna ta' Pinu, Għawdex.

Xtaqt insib l-epoka ta' meta sar u min pittru, iżda ma kellix fejn indur aktar. Naħseb iżda li huwa nteressanti l-fatt li kwadru tal-Qaddis tagħna jinsab fi knisja li tmur lura sew fiż-żmien. Tant hu hekk li din il-Parroċċa twaqqfet f'Awwissu tal-1655 meta nqatgħet mill-Parroċċa ta' Santa Elena ta' B'Kara. Din il-knisja hija waħda mit-tlett parroċċi tat-tlett villaġġi li jinsabu fiċ-ċentru ta' Malta (Balzan, Attard u Lija), li kollha huma antiki. Fil-każ tal-knisja ta' Ħal Balzan, din hija mimlija pittura, u nsibu pitturi sbieħ ta' nies famużi fosthom il-koppla ta' Giuseppe Cali', it-Titular ta' Giuseppe Calleja, pitturi oħra ta' Camilleri Cauchi, kif ukoll tal-Professur Emvin Cremona li ħalla ħafna mix-xogħlijiet tiegħu fil-parroċċa tagħna ta' San Gejtanu ukoll. Nixtieq il-festa t-tajba lil kulħadd.





Once upon a time you chose your dream home. Now you need a larger home and there has never been a better time to buy one. Speak to us today and discover the range of benefits that can make this step a simple and affordable one.

*Your success is our goal.*

**BOV HOME LOANS**

**2131 2020 | bov.com**

Issued by Bank of Valletta p.l.c.
58, Zachary Street, Valletta VLT 1130 - Malta

Loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from your BOV branch. Terms and conditions apply. The term of the loan must not go beyond retirement age.

BOV Bank of Valletta